31999D0244

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Marzu 1999

li temenda d-Deċiżjoni Nru 97/296/KE li tfassal il-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd hija awtorizzata għal konsum tal-bniedem

(innotifikata taħt dokument numru C(1999)768)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(1999/244/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/408/KE tat-22 ta' Ġunju 1995 dwar il-kondizzjonijiet biex jitfasslu, għal perjodu interim, listi provviżorji ta' stabbilimenti ta' pajjiżi terzi li minnhom Stati Membri huma awtorizzati li jimportaw ċerti prodotti ta' oriġini mill-annimali, prodotti tas-sajd jew molluski bivalvi [1], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 98/603/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 7 tagħha,

(1) Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/296/KE [3], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 1999/136/KE [4], telenka l-pajjiżi u t-territorji li minnhom importazzjoni ta' prodotti tas-sajd għal konsum tal-bniedem hija awtorizzata:. Il-Parti I ta' l-Anness I telenka l-ismijiet tal-pajjiżi u territorji koperti minn Deċiżjoni speċifika u l-Parti II issemmi dawk li jikkwalifikaw taħt l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni 95/408/KE. L-Anness II jelenka l-ismijiet tal-pajjiżi u territorji li minnhom importazzjonijiet kienu awtorizzati sal-31 ta' Jannar 1999, bil-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 11(7) jew tad-Direttiva 91/493/KEE;

(2) Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/245/KE [5], ippreskriviet kondizzjonijiet speċifiċi ta' importazzjoni għal prodotti tas-sajd u akwakultura li joriġinaw mis-Seychelles. Billi s-Seychelles għandhom għalhekk jiżdiedu mal-Parti I tal-lista ta' l-Anness I ta' pajjiżi u territorji li minnhom importazzjoni ta' prodotti tas-sajd għal konsum tal-bniedem hija awtorizzata;

(3) Billi l-Polineżja Franċiża, il- Gabon u Saint Pierre u Miquelon, taw informazzjoni li huma jissodisfaw il-kondizzjonijiet ekwivalenti u li jistgħu jiggarantixxu li l-prodotti tas-sajd li jesportaw lejn il-Komunità jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-saħħa tad-Direttiva 91/493/KEE, huwa għalhekk meħtieġ li l-lista ta' hawn fuq tkun immodifikata biex tinkludi dawk il-pajjiżi u territorji fil-Part II tal-lista;

(4) Billi s-serjetà tan-nuqqasijiet osservati matul żjara ta' spezzjoni fil-Kazakhstan l-importazzjonijiet ta' kavjal ma jkunux awtorizzati u, għalhekk, dan il-pajjiż għandu jitħassar mill-Part II tal-lista;

(5) Billi l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II mhumiex iktar awtorizzati, sa mill-1 ta' Frar 1999;

(6) Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

[1] ĠU L 243, ta' l-1.10.1995, p. 17.
[2] ĠU L 289, tat-28.10.1998, p. 36.
[3] ĠU L 122, ta' l-14.5.1997, p. 21.
[4] ĠU L 44, tat-18.2.1999, p. 61.
[5] Ara paġna 40 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni preżenti jissostitwixxi l-Anness I u l-Anness II mad-Deċiżjoni 97/296/KE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Marzu 1999.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Lista ta' pajjiżi u territorji li minnhom importazzjoni ta' prodotti tas-sajd f'kull għamla maħsuba għal konsum tal-bniedem hija awtorizzata:

I. *Pajjiżi u territorji koperti minn deċiżjoni speċifika taħt id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KE*

AL — Albanija
AR — l-Arġentina
AU — l-Awstralja
BD — il-Bangladesh
BR — il-Brażil
CA — il-Kanada
CI — Cote d'Ivoire (il-Kosta ta' l-Avorju)
CL — iċ-Ċili
CO — il-Kolombja
CU — Kuba
EC — l-Ekwador
EE — l-Estonja
FK — il-Gżejjer Falkland
FO — il-Gżejjer Faroe
GH — il-Gana
GM — il-Gambja
GT — il-Gwatemala
ID — l-Indoneżja
IN — l-Indja
JP — il-Ġappun
KR — il-Korea t'Isfel
MA — il-Marokk
MG — il-Madagaskar
MR — il-Mawritanja
MV — il-Maldives
MX — il-Messiku
MY — il-Malasja
NG — in-Niġerja
NZ — in-New Zealand
PE — il-Peru
PH — il- Filippini
RU — ir-Russja
SC — is-Seychelles
SG — Singapore
SN — is-Senegal
TH — it-Tajlandja
TN — it-Tuniżija
TW — Tajwan
TZ — it-Tanzanija
UY — l-Urugwaj
ZA — l-Afrika t'Isfel

II. *Pajjiżi u territorji li jissodisfaw it-termini ta' l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/408/KE*

AG — Antigwa u Barbuda [1]
AN — l-Antilles Olandiżi
AO — Angola
AZ — l-Ażerbajġan [2]
BJ — Benin
BS — il-Baħamas
BZ — Belize
CM — il-Kamerun
CH — l-Isvizzera
CN — Iċ-Ċina
CR — il-Kosta Rika
CV — Kap Verde
CY — Ċipru
CZ — ir-Repubblika Ċeka
DZ — l-Alġerija
ER — l-Eritrea
FJ — Fiġi
GA — il-Gabon
GL — Greenland
GN — il-Ginea Konakri
HK — Ħong Kong
HN — il-Ħonduras
HR — il-Kroazja
HU — l-Ungerija [3]
IL — l-Iżrael
lR — l-Iran
JM — il-Ġamajka
KE — il-Kenya
LK — Sri Lanka
LT — il-Litwanja
LV — il-Latvja
MM — Myanmar
MT — Malta
MU — il-Mauritiu
MZ — il-Mozambique
NA — in-Namibja
NI — in-Nikaragwa
PA — il-Panama
PF — il-Polineżja Franċiża
PG — il-Papwa Ginea Ġdida
PK — il-Pakistan
PL — il-Polonja
PM — St Pierre u Miquelon
RO — ir-Rumanija
SB — il-Gżejjer Solomon
SH — Santa Elena
SI — is-Slovenja
SR — is-Surinam
TG — Togo
TR — it-Turkija
UG — l-Uganda
US — l-Istati Uniti ta'l-Amerika
VC — St.Vincent u il-Grenadines [1]
VE — il-Venezwela
VN — il-Vjetnam
ZW — Iż-Żimbabwe

[1] Awtorizzati biss għal importazzjonijiet ta' hut frisk.
[2] Awtorizzati biss għal importazzjonijiet ta' kavjal.
[3] Awtorizzati biss għal importazzjoni ta' annimali ħajjin maħsuba għal konsum tal-bniedem.